# Karmenu Vassallo: Kellu Qalbu Akbar Minnu*

*Laurence Mizzi*

JIENA kelli x-xorti li f'medda ta' 40 sena bejn l-1947 u l-1987 (meta miet) insir naf mill-qrib lil Karmenu Vassallo, l-ewwel bħala student tiegħi fil-Liċeo, wara bħala kollega fid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni u, aktar tard fit-Taqsima Xandir għall-Iskejjel ta' l-Awtorità tax-Xandir, u fl-aħħar għoxrin sena bil-kuntatti personali permezz ta' laqgħat bla ħsieb fit-triq (meta kien għadu joħroġ) u aktar bl-ittri u t-telefonati.

Fil-fehma tiegħi l-akbar rigal li l-Mulej għoġbu jżejjen bih lil Karmenu Vassallo kien l-umanità tiegħu. Aktar mill-ħila letterarja magħrufa biżżejjed fostna l-Maltin, ħila li kienet taqtgħu 'l fuq minn ħafna oħrajn; akbar mill-elokwenza u l-qawwa u s-sengħa li fihom kellu l-ħila jfisser u jlissen ħsibijietu bil-kelma Maltija, aqwa minn kollox kienet il-qalb immensa li kellu tħabbat ġewwa sidru.

Karmenu kien iħobb u jħenn. Lil kulħadd, iżda ħaġa naturali, l-iżjed lil dawk li jkunu l-aktar fil-bżonn, hu x'inhu l-bżonn. Iżda kuntrarjament għal uħud, ma' l-imħabba u l-ħniena tiegħu għaż-żgħir u għall-maħqur u l-batut Karmenu ma kienx iħoss qrusa, stmerrija, imrar jew mibegħda għall-għani jew is-setgħani. Għall-kuntrarju lejn il-għonja u s-setgħana hu kien juri rispett li fil-fehma tiegħi kultant kien x'aktarx esaġerat.

Dwar l-umanità tiegħu nista' nsemmi għexieren ta' inċidenti minn ħajjet Karmenu biex nuri kemm kienet kbira l-ħniena li kellu lejn il-proxxmu tiegħu u kemm kien rett u dritt meta kien iwieġeb għas-sejħa ta' qalbu . . . Għal Karmenu kif nafu jien, l-irġulija, il-ħbiberija, l-għajnuna, l-imħabba tal-proxxmu, il-ħniena, il-bniedem innifsu kienu jiġu qabel kull ħaġa oħra, hi x'inhi. Għalih ma kinux jeżistu l-kuluri li bihom sfortunatament hu ''mżewwaq'' pajjiżna. Karmenu Vassallo kulur wieħed kellu: il-lewn tal-ħniena u ta' l-imħabba. U f'din il-ħaġa kien xempju ħaj ta' Nisrani konvint li kien jemmen tabilħaqq u li l-fidi tiegħu kienet tidħer minn egħmilu. U minn kliemu sinċier, ġenwin, ħiereġ ibaqbaq minn ġo fih.

Nistqarr pubblikament għal darb'oħra li jiena ma għandix ħlief tifkiriet sbieħ ta' dan ir-raġel letterat kbir li għamel ġieħ mhux biss lil raħal twelidu li tant kien iħobb iżda lill-pajjiż kollu.

Jiena nsellimlu u nistqarr li nibqa' dejjem grat lejh.

* Silta mid-diskors li l-awtur għamel fis-serata ta' mużika u letteratura f'ġieħ il-Poeta Karmenu Vassallo li saret il-Ħadd 17 ta' April, 1988, fis-Siġġiewi.



# Karmenu Vassallo – Poeta li jibqa' għal dejjem

*Josette Attard*

**Post Vassallo fil-letteratura Maltija**

KARMENU VASSALLO llum nistgħu nqisuh bħala wieħed mill-esponenti kbar tal-moviment romantiku f'pajjiżna. Kien Dun Karm li fetaħ it-triq tar-romantiċiżmu letterarju f'pajjiżna. Dan il-moviment kompla jiż-viluppa bil-kontribut tal-poeti li ġew wara l-poeta nazzjonali tagħna fosthom R. Briffa, A. Buttigieg u K. Vassallo.

Il-poeżija ta' Vassallo hi kollha kemm hi djarju ta' intimità u privatezza. Ħafna mill-poeżiji tiegħu huma suġġettivi dwar il-jien. Iżda hu ma jiqafx hawnhekk. Jilħaq l-ogħla livell poetiku meta mis-suġġett partikolari jgħaddi għal temi universali – temi filosofiċi li jolqtu kull bniedem bla ebda limitu ta' post jew żmien. Id-dwejjaq ta' Vassallo huma d-dwejjaq ta' kulħadd. Għalhekk it-triq li għażel għall-poeżija tiegħu hija mid-djarju għall-kredu – għat-twemmin.

**It-tema eżistenzjali**

It-tema ta' l-eżistenza umana sabet fortuna kbira fil-poeżiji tiegħu. Iżda aktar ifittex li jistaqsi milli jfittex it-tweġiba. Il-mistoqsijiet li jistaqsi huma dwar l-eżistenza tiegħu. Għalhekk poeżiji bħal 'Dejjem Qatt', 'Mysterium Mysteriorum', 'Ħbiebi', 'Vanġelu Iehor', 'Poeta Nisrani' u oħrajn huma egoċentriċi fejn permezz tal-monologu jpoġġi quddiemna problemi eżistenzjali. Jien min jien? Għaliex neżisti? X'jedd kellu ħaddieħor li jġibni fid-dinja? Huma kollha poeżiji li jitkellmu dwaru stess u jħoss il-ħtieġa tad-djalogu biex joqrob lejn is-soluzzjoni. Lil Ada Negri, poetessa ottimista Taljana, igħidilha li hu ma kellu l-ebda tort li safa l-ħlas ta' l-imħabba bejn żewġ bnedmin. Is-soluzzjoni m'hix qiegħda fil-bnedmin. Fil-fatt fi 'Ħbiebi' jitlob lil Alla biex jagħtih il-ħbieb. Iżda mhux kollox hu ħabib tiegħu – il-ħxejjex u l-bhejjem iva; il-bnedmin le:

> Mulejja niżżik ħajr għall-ħbieb li tajtni:
> Ħbiebi kulma ħlaqt int: barra l-bnedmin!

Hawnhekk tinħass il-kawża ta' iżolament soċjali u l-effett ta' l-esperjenza persunali kerha li għadda minnha. Vassallo jesprimi wkoll l-isfiduċja fil-bniedem f'kuntrast mal-bqija tal-ħlejjaq l-oħra.[1]

Jasal biex jisħet it-twelid tiegħu stess u jsostni li l-bniedem ma jista' jifhmu

1. 'Mysterium Mysteriorum'.